# Il-Maltin fil-Gwerra

MINN JOAN CAMILLERI

❑ Il-Maltin irresistew għal 2357 siegħa ta' 3340 attakk mill-ajru - l-agħar xahar kien April ta' l-1942. Kien ukoll l-agħar wieħed għall-Mostin. Matul l-1942 kien hemm 2031 tħabbira ta' attakki mill-ajru, 282 f'April. Attakki : 1940-1941 - 211; 1941 - 968; 1942 - 2031; 1943 - 127; 1944 - 8.

Fil-Mosta kienet saret id-diżgrazzja fix-xelter numru 71 fi Triq Gafà fil-21 ta' Marzu, 1942, bil-balal tal-Junkers 88. Fid-9 ta' April 1942 waqgħet il-bomba fuq ir-Rotunda. F'jum minnhom balal li waqgħu fi Triq il-Kungress, il-Pont u l-Oratorju, qatlu 16-il ruħ. Irnexxielna nsibu 91 isem ta' pajżana fil-Mosta li nqatlu (minbarra 4) fis-sena 1942. (Ara Annwal tas-Soċ. Fil. Santa Marija 1992 għal isimhom.)

Lawrence Mizzi fil-ktieb tiegħu Maltin fil-Gwerra jagħmel għadd ta' referenzi għall-Mosta ta' inċidenti li ġraw tul l-aħħar gwerra (1939-45). Ħarsa ħafifa, issa li għadda daqshekk żmien, tqanqal bilfors ċerta kurżità.

Żewġ artikli ta' żewġt itfal Mostin ta' dak iż-żmien huma ferm interessanti. J.J. Camilleri mhux daqshekk pessimist, ħares lejn dawn iż-żmenijiet bl-għajnejn taż-żgħurija. Mhux hekk Doris Camilleri (neè Vella) imġarrba bit-telfa ta' missierha u ħuha l-kbir u ħuha ieħor fix-xelter ta' Triq Gafà. Il-ġrajja tagħha hi ta' niket.

Rita Zammit, mara tad-dar, ġiet refuġjata l-Mosta. Kellha tarbija u oħra ġejja. Marru joqogħdu ma' żewġ anzjani li krewlhom żewġt ikmamar bla *toilet*. F'waħda minnhom kienu jorqdu mal-15-il ruħ, l-irġiel fuq naħa, in-nisa n-naħa l-oħra. Fil-kamra l-oħra kienu jieklu u jsir il-ħasil.

Ġużeppi Zammit, għalliem minn Ħal Tarxien, kellu struzzjonijiet imur jgħallem il-Mosta fejn kien evakwat. Imma sab l-iskola magħluqa. Oscar Pulis, ħaddiem tat-Tarzna, jsemmi ż-żewġ bombi li ġew fuq ix-xelter u l-ħafna nies li mietu. Pulis kien għarus il-Mosta, fost il-mejtin kien hemm suldat li kien joqgħod bieb ma' bieb man-nies ta' l-għarusa tiegħu. Kien stazzjonat il-Fortizza tal-Mosta, b'xorti ħażina dakinhar inzerta bil-*leave*.

Pawlina Cutajar, għalliema, tirrakkonta kif fil-ħwienet ma kont issib tixtri xejn. Biex għamlet żarbun ġiet il-Mosta għand il-'Lalu' li kien ġie evakwat fil-Mosta mill-Isla. Pawlu Muscat, bejjiegħ tal-ħaxix mill-Imġarr, jgħid li fl-Imġarr kienu marru joqogħdu ħafna nies, għadd ta' Mostin ukoll.

It-Tabib Ġorġ Camilleri jgħid li fl-Isptar ta' Bugeja l-agħar ġurnata kienet meta waqgħu l-bombi fuq iż-żewġ bokok tax-xelter fi Triq Gafà. Barra l-mejtin kienu marru mat-80 ruħ biex jiddewwew, il-biċċa l-kbira maħruqin. Sab ħafna diffikultajiet biex jidentifika lill-mejtin biex joħroġilhom iċ-ċertifikati tal-mewt, kellu bil-fors jistaqsi lill-feruti u lill-pulizija għall-identifikazzjoni. L-istess storja jtenni t-Tabib Fortunato Zammit. Għalih ukoll dakinhar kien l-agħar wieħed. Isemmi l-għadd kbir tal-mejtin u l-ħafna feruti korruti maħruqin.

Nikol Vella, suldat, isemmi is-serq,ħafna Maltin kienu jisirqu l-bajd tal-ħamiem *homer*. Kapural Ingliż kien jittrenja dawn il-ħamiem. Xi Ingliżi kienu jisirqu wkoll xi paraxuts, imorru f'ħanut fil-Mosta biex jinnegozjawhom mal-flixken tax-xorb. Tal-ħanut imbagħad kien ibigħ il-ħarir tal-paraxuts lill-għarajjes li setgħu jħallsu biex jagħmlu bih l-ilbiesi tat-tieġ.

Ġrajjiet serji li seħħew u tifkiriet oħra mhux daqshekk importanti, kollha jtennu u jfakkru l-perjodu ta' l-istorja li għaddew minnha n-nies tagħna. Il-ġrajja ta' kull individwu hi l-ġrajja tal-poplu.



***Monument għall-Qalbiena Mostin, ifakkar lil dawk kollha li mietu fil-gwerra***